2023/2720

6.12.2023

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/2720

tas-27 ta' Novembru 2023

li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2024-2026

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi,

(1) Il-provvisti tal-Unjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-preżent jiddependu mill-importazzjoni minn pajjiżi terzi. Fl-aħħar deċennji l-Unjoni saret tiddependi aktar fuq l-importazzjoni biex tilħaq id-domanda tagħha għall-prodotti tas-sajd. Sabiex jiġi żgurat li ma titqegħidx f'periklu l-produzzjoni tal-prodotti tas-sajd tal-Unjoni u sabiex jiġi żgurat li l-industrija tal-ipproċessar tagħha jkollha provvista adegwata ta' prodotti tas-sajd, jenħtieġ li jiġu sospiżi jew jitnaqqsu d-dazji tal-importazzjoni għal għadd ta' prodotti tas-sajd fil-kuntest ta' kwoti tariffarji ta' volum xieraq. Sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta bejn il-prodotti tas-sajd impurtati u l-prodotti tas-sajd tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li jitqies ukoll l-impatt tal-miżuri fuq il-kompetittività tal-produtturi tal-ħut tal-Unjoni.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 ([1]) fetaħ u ppreveda l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2021-2023. Billi l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2023, jenħtieġ li jiġi adottat regolament ġdid li jipprevedi l-kwoti tariffarji għall-perjodu 2024-2026.

(3) Minn Lulju 2014, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi kontra r-Russja. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna qed tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u qed iddgħajjef is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropej u dinjija.

(4) Aktar reċentement, fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta l-ħdax-il pakkett ta' miżuri restrittivi kontra r-Russja minħabba l-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tagħha kontra l-Ukrajna.

(5) Filwaqt li r-Russa hija membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni tista' torbot fuq l-eċċezzjonijiet li japplikaw skont il-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-"Ftehim tad-WTO"), u b'mod partikolari l-Artikolu XXI tal- Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligu li tagħti lill-prodotti importati mir-Russja l-vantaġġi mogħtija lil prodotti simili importati minn pajjiżi oħra (it-trattament ta' nazzjon l-aktar iffavorit).

(6) Għaldaqstant, fid-dawl tad-deterjorament tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Russja, sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-azzjonijiet u l-prinċipji tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ma jkunx xieraq li prodotti li joriġinaw mir-Russja jitħallew igawdu minn trattament mingħajr dazju u trattament ta' nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(7) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Belarussja marru għall-agħar f'dawn l-aħħar snin, minħabba n-nuqqas ta' rispett tar-reġim tal-Belarussja għad-dritt internazzjonali, id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, il-Belarussja appoġġat b'mod estensiv il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna mill-bidu nett tagħha.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 tat-13 ta' Novembru 2020 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2021-2023 (ĠU L 385, 17.11.2020, p. 3).

(8) Minn Ottubru 2020, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi kontra l-Belarussja minħabba abbużi kontinwi tad-drittijiet tal-bniedem, l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti u l-involviment tal-Belarussja fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Peress li l-Belarussja mhijiex membru tad-WTO, l-Unjoni mhijiex obbligata, bis-saħħa tal-Ftehim tad-WTO, li tagħti trattament ta' nazzjon l-aktar iffavorit lill-prodotti mill-Belarussja.

(9) Għaldaqstant, fid-dawl tad-deterjorament tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Belarussja, sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-azzjonijiet u l-prinċipji tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ma jkunx xieraq li prodotti li joriġinaw mill-Belarussja jitħallew igawdu minn trattament mingħajr dazju fir-rigward tal-prodotti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(10) L-esklużjoni ta' prodotti mill-Belarussja u r-Russja, b'mod partikolari l-merluzz tal-Alaska, mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ser ikollha impatt fuq il-flussi kummerċjali u ser tirrikjedi adattament mill-industrija tal-Unjoni. Jekk, bħala konsegwenza, materja prima li bħalissa mhijiex koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi identifikata bħala ekwivalenti għal dawk il-prodotti u meħtieġa b'mod urġenti matul il-perjodu ta' adattament, dan ir-Regolament jista' jiġi rivedut biex iqis dawk iċ-ċirkostanzi.

(11) Jenħtieġ li l-importaturi kollha tal-Unjoni jibbenefikaw minn aċċess ugwali u mingħajr interruzzjoni għall-kwoti tariffarji previsti f'dan ir-Regolament, u li r-rati stabbiliti għall-kwoti tariffarji jiġu applikati mingħajr interruzzjoni għall-importazzjoni kollha tal-prodotti tas-sajd ikkonċernati lejn l-Istati Membri kollha sakemm ikunu ntużaw il-kwoti tariffarji kollha.

(12) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([2]) jipprevedi sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji li ssegwi l-ordni kronoloġika tad-dati meta ġew aċċettati d-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Billi l-kwoti tariffarji huma maħsubin biex jiżguraw il-provvista adegwata tal-prodotti tas-sajd għall-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun meħtieġ livell minimu ta' trattament jew ta' ħidma biex wieħed ikollu dritt għall-kwota.

(13) Biex ikun żgurat li qed issir ġestjoni effiċjenti tal-kwoti tariffarji, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jieħdu mill-ammont tal-kwota tariffarja l-kwantitajiet neċessarji li jikkorrispondu mal-importazzjoni reali tagħhom. Minħabba li dan il-metodu ta' ġestjoni jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja r-rata li biha jkunu qed jintużaw il-kwoti tariffarji u jenħtieġ li hija tgħarraf lill-Istati Membri b'dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dazji tal-importazzjoni fuq il-prodotti elenkati fl-Anness għandhom jiġu sospiżi jew jitnaqqsu biex jaqgħu fil-kwoti tariffarji bir-rati, għall-perjodi u sal-ammonti indikati fih.

Artikolu 2

Il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji msemmijin fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandha ssir skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 3

Il-kwoti tariffarji għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni doganali tal-użu aħħari skont l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Artikolu 4

1. Is-sospensjoni jew it-tnaqqis tad-dazji tal-importazzjoni għandhom japplikaw biss għall-prodotti maħsubin għall-konsum mill-bniedem.

2. Il-kwoti tariffarji ma għandhomx ikunu disponibbli għall-prodotti li jiġu pproċessati fil-livell tal-bejgħ bl-imnut jew tal-catering.

3. Il-kwoti tariffarji ma għandhomx ikunu disponibbli għall-prodotti maħsubin biss għal waħda jew iktar mill-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tindif, it-tindif mill-ġewwieni u l-qtugħ tad-denb u tar-ras;

(b) il-qtugħ;

(c) l-ippakkjar mill-ġdid ta' fletti ffriżati wieħed wieħed;

(d) it-teħid ta' kampjuni u l-għażla;

(e) it-tikkettar;

(f) l-ippakkjar;

(g) it-tkessiħ;

(h) l-iffriżar;

(i) l-iffriżar qawwi f'daqqa;

(j) it-tneħħija tas-silġ;

(k) l-igglejżjar;

(l) it-taħlil; u

(m) is-separazzjoni.

4. Minkejja l-paragrafu 3, il-kwoti tariffarji għandhom ikunu disponibbli għall-prodotti maħsubin għal waħda mill-ħidmiet li ġejjin jew iktar:

(a) it-tqattigħ f'kubi;

(b) it-tqattigħ fi ċrieki u fi strixxi għall-materjali li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM ex 0307 43 35, ex 0307 43 91, ex 0307 43 92 u ex 0307 43 99;

(c) l-iffilettjar;

(d) il-produzzjoni tal-qatgħat;

(e) il-qtugħ ta' blokok iffriżati;

(f) is-separazzjoni ta' blokok iffriżati ta' fletti b'folja bejniethom u ċefalopodi sabiex jinkisbu fletti individwali;

(g) it-tfettit tal-prodotti li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM ex 0303 66 11, ex 0303 66 12, ex 0303 66 13, ex 0303 66 19, ex 0303 89 70 u ex 0303 89 90;

(h) it-trattament tal-prodotti li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM 0306 16 99 (fis-suddiviżjonijiet 20 u 30 tat-TARIC), 0306 17 92 (fis-suddiviżjoni 20 tat-TARIC), 0306 17 99 (fis-suddiviżjoni 10 tat-TARIC), 0306 35 90 (fis-suddiviżjonijiet 12, 14, 92 u 93 tat-TARIC), 0306 36 90 (fis-suddiviżjonijiet 20 u 30 tat-TARIC), 1605 21 90 (fis-suddiviżjonijiet 45, 55 u 62 tat-TARIC) u 1605 29 00 (fis-suddiviżjonijiet 50, 55 u 60 tat-TARIC) bil-gassijiet tal-ippakkjar kif iddefiniti fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

(i) id-diviżjoni tal-prodott iffriżat jew trattament bis-sħana tal-prodott iffriżat biex jippermetti t-tneħħija ta' skart intern għal prodotti li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM 0306 11 10 (fis-suddiviżjoni 10 tat-TARIC), 0306 11 90 (fis-suddiviżjoni 20 tat-TARIC) u 0306 31 00 (fis-suddiviżjoni 10 tat-TARIC);

(j) il-pasturizzazzjoni fil-kodiċijiet tan-NM 0305 20 00 u 1604 32 00;

(k) it-tindif f'każ li din l-operazzjoni tkun l-unika li tista' ssir fuq oġġett partikolari u t-tindif ikun meħtieġ biex jinkiseb il-prodott aċċettabbli għall-konsum mill-bniedem (bajd tal-ħut mill-intestaturi 0302, 0303 u 0305; gambli mill-intestatura 0306; ħut iffriżat, ħlief fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut, tal-ispeċi *Gadus morhua* għall-ipproċessar skont il-kodiċi NM 0303 63 10, tal-ispeċi *Merluccius* minbarra *Merluccius merluccius,* għall-ipproċessar skont il-kodiċijiet NM 0303 66 11, 0303 66 12, 0303 66 13, 0303 66 19, u tal-ispeċi *Theragra chalcogramma* għall-ipproċessar skont il-kodiċi NM 0303 67 00); u

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

(l) imballaġġ f'atmosfera modifikata skont il-kodiċi tan-NM 1605 40 00.

5. Il-kwoti tariffarji ma għandhomx ikunu disponibbli għal prodotti li joriġinaw mir-Russja jew mill-Belarussja.

Għall-fini tal-istabbiliment tal-oriġini tal-prodotti taħt il-kwoti, għandhom japplikaw ir-regoli tal-oriġini mhux preferenzjali f'konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Artikolu 5

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw il-ġestjoni u l-kontroll tajbin tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
X. MÉNDEZ BÉRTOLO

ANNESS

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Deskrizzjoni	Ammont annwali tal-kwota (tunnellati) (1)	Dazju tal-kwota	Perjodu tal-kwota
09.2503	ex 0303 39 85	80	Pixxiċatt (*Limanda aspera, Lepidopsetta bilineata, Pleuronectes quadrituberculatus, Limanda ferruginea, Lepidopsetta polyxystra, Eopsetta jordani*), iffriżat, għall-ipproċessar	7 500	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0303 39 85	90				
09.2504	0302 11 20	10	Trota tal-ispeċi *Oncorhynchus mykiss*, bl-irjus u l-garġi, imnaddfa mill-organi, jiżnu aktar minn 1,2 kg kull waħda, jew bla rjus, bil-garġi mneħħija u mnaddfa, jiżnu aktar minn 1 kg kull waħda, għall-ipproċessar	10 000	5 %	1.1.2024-31.12.2026
09.2505	ex 0303 54 10	95 (2)	Kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*), sħiħ, fletti u ġwienaħ, għall-ipproċessar	5 000	7,5 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0304 89 49	20				
	ex 0304 99 99	12				
09.2508	ex 0307 43 35	10	Klamar tal-ispeċi *Loligo gahi*, iffriżat, għall-ipproċessar	75 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
09.2746	ex 0302 89 90	30	Lutjan ħamrani tan-Nofsinhar (*Lutjanus purpureus*), frisk, imkessaħ, għall-ipproċessar	1 500	0 %	1.1.2024-31.12.2026
09.2748	ex 0302 91 00	96	Bajd tal-ħut iebes, frisk, imkessaħ jew iffriżat, immellaħ jew fis-salmura, għall-ipproċessar	5 700	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0303 91 90	96				
	ex 0305 20 00	41				
09.2750	ex 0305 20 00	35	Bajd tal-ħut iebes, maħsul, imnaddaf mill-organi aderenti u sempliċiment immellaħ jew fis-salmura, għall-produzzjoni ta' sostituti tal-kavjar	1 200	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 1604 32 00	20				
09.2759	ex 0302 51 10	20	Bakkaljaw (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*) u ħut tal-ispeċi *Boreogadus saida*, minbarra l-fwied u l-bajd, frisk, imkessaħ jew iffriżat, għall-ipproċessar	110 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0302 51 90	10				
	ex 0302 59 10	10				
	ex 0303 63 10	10				
	ex 0303 63 30	10				
	ex 0303 63 90	10				
	ex 0303 69 10	10				

09.2760	ex 0303 66 11	10	Merluzz (*Merluccius* spp., minbarra *Merluccius merluccius, Urophycis* spp.), u abadeku roża (*Genypterus blacodes* u *Genypterus capensis*), iffriżat, għall-ipproċessar	10 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0303 66 12	10				
	ex 0303 66 13	10				
	ex 0303 66 19	11				
		91				
	ex 0303 89 70	10				
	ex 0303 89 90	30				
09.2761	ex 0304 79 50	10	Grenadier ikħal (*Macruronus Novaezelandiae*) u grenadier tal-Patagonja (*Macruronus magellanicus*), fletti ffriżati u laħam ieħor iffriżat, għall-ipproċessar	17 500	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0304 95 90	11				
	ex 0304 79 90	11				
09.2762	ex 0306 11 10	10	Awwista tal-blat u awwisti oħrajn tal-baħar (*Palinurus* spp., *Panulirus* spp., *Jasus* spp.), ħajjin, imkessħin, iffriżati, għall-ipproċessar	200	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0306 11 90	20				
	ex 0306 31 00	10				
09.2765	ex 0305 62 00	20	Bakkaljaw (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*) u ħut tal-ispeċi *Boreogadus saida*, immellaħ jew fis-salmura, iżda mhux imnixxef jew affumikat, għall-ipproċessar	2 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
		25				
		29				
	ex 0305 69 10	10				
09.2770	ex 0305 63 00	10	Inċova (*Engraulis anchoita*), immellħa jew fis-salmura, iżda mhux imnixxfa jew affumikata, għall-ipproċessar	1 500	0 %	1.1.2024-31.12.2026
09.2772	ex 0304 93 10	10	Surimi, iffriżat, għall-ipproċessar	60 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0304 94 10	10				
	ex 0304 95 10	10				
	ex 0304 99 10	10				
09.2774	ex 0304 74 15	10	Merluzz tal-Paċifiku (*Merluccius productus*) u merluzz Arġentin (merluzz tal-Atlantiku tal-Lbiċ) (*Merluccius hubbsi*), fletti ffriżati u laħam ieħor, għall-ipproċessar	40 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0304 74 19	10				
	ex 0304 95 50	10				
		20				

09.2776	ex 0304 71 10	10	Bakkaljaw (*Gadus morhua, Gadus macrocephalus*), fletti ffriżati u laħam iffriżat, għall-ipproċessar	45 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0304 71 90	10				
	ex 0304 95 21	10				
	ex 0304 95 25	10				
09.2777	ex 0303 67 00	10	Pollakkju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*), iffriżat, fletti ffriżati u laħam ieħor iffriżat, għall-ipproċessar	340 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0304 75 00	10				
	ex 0304 94 90	10				
09.2778	ex 0304 83 90	21	Pixxiċatt (*Limanda aspera, Lepidopsetta bilineata, Pleuronectes quadrituberculatus, Limanda ferruginea, Lepidopsetta polyxystra*), fletti ffriżati u laħam ieħor tal-ħut, għall-ipproċessar	10 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0304 99 99	65				
09.2785	ex 0307 43 91	10	Tubi ([3]) tal-klamar (*Ommastrephes* spp., minbarra t-Todarodes sagittatus (sinonimu *Ommastrephes sagittatus*), *Nototodarus* spp., *Sepioteuthis* spp.) u *Illex* spp., iffriżati, bil-ġilda u bil-pinen, għall-ipproċessar	20 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0307 43 92	10				
	ex 0307 43 99	21				
09.2786	ex 0307 43 91	20	Klamar (*Ommastrephes* spp., minbarra *Todarodes sagittatus* (sinonimu *Ommastrephes sagittatus*), *Nototodarus* spp., *Sepioteuthis* spp.) u *Illex* spp., iffriżat, sħiħ jew it-tentakli u l-pinen, għall-ipproċessar	5 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0307 43 92	20				
	ex 0307 43 99	29				
09.2790	ex 1604 14 26	10	Fletti magħrufin bħala “loins” tat-tonn u tal-palamit, għall-ipproċessar	35 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 1604 14 36	10				
	ex 1604 14 46	11				
		21				
		92				
		94				
09.2794	ex 1605 21 90	45	Gambli u gambli kbar tal-ispeċi *Pandalus borealis* u *Pandalus montagui*, imsajrin u mqaxxrin, għall-ipproċessar	4 500	0 %	1.1.2024-31.12.2026
		55				
		62				
	ex 1605 29 00	50				
		55				
		60				

09.2798	ex 0306 16 99	20	Gambli u gambli kbar tal-ispeċi *Pandalus borealis* u *Pandalus montagui*, bil-qoxra, friski, imkessħin jew iffriżati għall-ipproċessar	2 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
		30				
	ex 0306 35 90	12				
		14				
		92				
		93				
09.2800	ex 1605 21 90	55	Gambli u gambli kbar tal-ispeċi *Pandalus jordani*, imsajrin u mqaxxrin, għall-ipproċessar	4 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 1605 29 00	60				
09.2802	ex 0306 17 92	20	Gambli u gambli kbar tal-ispeċi *Penaeus Vannamei* u *Penaeus monodon*, kemm bil-qoxra u kemm mingħajrha, friski, imkessħin jew iffriżati, mhux imsajrin, għall-ipproċessar	48 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0306 36 90	30				
09.2804	ex 1605 40 00	40	Dnub taċ-ċkal tal-ispeċi *Procambarus clarkii*, imsajrin, għall-ipproċessar	2 500	0 %	1.1.2024-31.12.2026
09.2821	0307 43 33	10	Klamar tal-ispeċi *Loligo pealeii* ffriżat, għall-ipproċessar	1 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
09.2822	ex 0303 11 00	20	Salamun tal-Paċifiku tal-ispeċi *Oncorhynchus nerka* (salamun aħmar), *Oncorhynchus kisutch*, *Oncorhynchus keta* u *Oncorhynchus tshawytscha*, bir-ras maqtugħa u mnaddaf mill-organi, u fil-forma ta' fletti, iffriżat, għall-ipproċessar	10 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0303 12 00	20				
	ex 0304 81 00	20				
09.2824	0302 52 00	10	Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), frisk, imkessaħ jew iffriżat, bir-ras maqtugħa, bil-garġi mneħħija u mnaddaf mill-organi, għall-ipproċessar	3 500	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	0303 64 00	10				
09.2826	ex 0306 17 99	10	Gambli u gambli kbar tal-ispeċi *Pleoticus Muelleri*, fil-fosdqa jew le, friski, imkessħin jew iffriżati, għall-ipproċessar	16 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026
	ex 0306 36 90	20				
09.2515	ex 0304 61 00	10	Fletti ffriżati tat-Tilapja *(Oreochromis* spp.), iffriżati	10 000	0 %	1.1.2024-31.12.2026

(1) Espress f'piż nett, ħlief fejn speċifikat mod ieħor.
(2) Mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju, ma għandhiex tingħata tgawdija tal-kwota tariffarja għall-prodotti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera.
(3) Ġisem ta' ċefalopodu jew il-klamar mingħajr ras u mingħajr tentakli, bil-ġilda u l-pinen.

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2720/oj
ĠU L, 6.12.2023